# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Mejju 2015 – Niki Luftfahrt vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-511/09)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat — Għajnuna għar-ristrutturazzjoni mogħtija mill-Awstrija favur il-grupp Austrian Airlines — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq komuni, bla ħsara għall-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet — Privatizzazzjoni tal-grupp Austrian Airlines — Determinazzjoni tal-benefiċjarju tal-għajnuna — Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni tal-impriżi f'diffikultà")***

(2015/C 213/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Niki Luftfahrt GmbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentanti: H. Asenbauer u A. Habeler, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment B. Martenczuk u K. Gross, aġenti, assistit minn de G. Quardt, avukat, sussegwentment B. Martenczuk u R. Sauer, aġenti, assistiti minn de G. Quardt u J. Lipinsky, avukati)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentanti: C. Pesendorfer u M. Klamert, aġenti); Deutsche Lufthansa AG (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentanti: initjalment H.-J. Niemeyer, H. Ehlers u M. Rosenberg, sussegwentement H.-J. Niemeyer, H. Ehlers, C. Kovács u S. Völcker, avukati); Austrian Airlines AG (Vjenna) (rappreżentanti: initjalment H.-J. Niemeyer, H. Ehlers u M. Rosenberg, sussegwentement H.-J. Niemeyer, H. Ehlers u C. Kovács, avukati); u Österreichische Industrieholding AG (Vjenna) (rappreżentanti: T. Zivny, P. Lewisch u H. Kristoferitsch, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/137/KE, tat-28 ta' Awwissu 2009, Għajnuna mill-Istat C 6/09 (ex N 663/08) – Awstrija Austrian Airlines – Pjan għall-istrutturar mill-ġdid (ĠU 2010, L 59, p. 1) li tiddikjara kompatibbli mas-suq komuni, bla ħsara għall-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet, l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni mogħtija mir-Repubblika tal-Awstrija favur il-grupp Austrian Airlines fil-kuntest tal-akkwist ta' din tal-aħħar mill-grupp Lufthansa.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Niki Luftfahrt GmbH għandha tbati l-ispejjeż tagħha u dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, minn Österreichische Industrieholding AG, minn Deutsche Lufthansa AG u minn Austrian Airlines AG.*

3) *Ir-Repubblika tal-Awstrija għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 80, 27.03.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Mejju 2015 – Niki Luftfahrt vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-162/10)** ([1])

***("Kompetizzjoni — Konċentrazzjonijiet — Trasport bl-ajru — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni — Evalwazzjoni tal-effetti tal-operazzjoni fuq il-kompetizzjoni — Impenji")***

(2015/C 213/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Niki Luftfahrt GmbH (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentanti: H. Asenbauer u A. Habeler, avukati)